# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 6**

**Rikors numru 1/22/2 AL**

**Ryan Dimech (K.I. 215579M)**

**v.**

**Marika Bonello (K.I. 0304885M),**

**Dr Jason Grima u l-Prokuratur Legali Louisa Tuffigno nominati b'digriet tal-15 ta' Frar, 2022 bħala kuraturi *ad litem* sabiex jirrappreżentaw lill-minuri Dean Mifsud, u b'digriet tas-16 ta' Ġunju, 2022 Marika Bonello ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* ta' binha minuri u Dr Jason Grima u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno ġew estromessi mill-kawża, u**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-konvenuta Marika Bonello f'isimha stess u

f'isem binha Dean Mifsud, bħala kuratriċi *ad litem* tiegħu, minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar is-7 ta' Diċembru, 2022, li permezz tagħha ġew miċħuda għadd ta' eċċezzjonijiet ta' sura preliminari marbuta mas-siwi proċedurali tal-azzjoni mnedija mill-attur.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-4 ta' Jannar, 2022, l-attur Ryan Dimech fisser li l-konvenuta Maria Bonello welldet lil Dean Mifsud fis-26 ta' Ġunju, 2019. It-tarbija ġiet reġistrata bħala wild Wilson Mifsud, iżda dan fetaħ kawża bin-numru 109/2020 AGV biex hu ma jibqax jidher bħala missier it-tarbija. Din il-kawża ġiet maqtugħa mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-2 ta' Ġunju, 2021 fejn ġie deċiż li Wilson Mifsud mhuwiex il-missier bijoloġiku ta' Dean Mifsud u li għalhekk fl-att tat-twelid kellu jitniżżel li Dean Mifsud huwa iben missier mhux magħruf. Marika Bonello appellat biss minn din is-sentenza sa fejn hija ġiet ikkundannata tħallas l-ispejjeż tal-kawża.

3. Fit-2 ta' Lulju, 2021, sakemm dan l-appell kien għadu pendenti, l-attur bagħat ittra uffiċjali lil Marika Bonello skont l-**Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili** sabiex huwa jagħraf lil Dean Mifsud bħala ibnu. Billi Marika Bonello ma weġbitx għal din l-ittra u lanqas aċċettat l-istedina tiegħu biex jittieħdu testijiet xjentifiċi fuq il-verifika tal-paternità, l-attur fetaħ din il-kawża u talab lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex:

*«1. Tiddikjara illi r-rikorrent Ryan Dimech huwa missier il-minuri Dean Mifsud iben l-intimata Marika Bonello, imwieled fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) u llum il-ġurnata irreġistrat bħala iben ta' missier mhux magħruf;*

*ii. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra lir-rikorrenti bħala l-missier naturali ta' Dean Mifsud fl-atti kollha tal-istat ċivili, inkluż l-att tat-twelid tal-minuri;*

*iii. Tordna illi l-minuri għandu jieħu kunjom missieru, u ċjoè Dimech, u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel il-korrezzjonijiet neċessarji fl-atti kollha tal-istat ċivili, inkluż l-att tat-twelid, sabiex il-minuri jkun magħruf bħala Dean Dimech.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 63/2021 u bl-inġunzjoni tal-intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.»*

4. Il-konvenuta Marika Bonello wieġbet fit-23 ta' Frar, 2022 u ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi in linea preliminari, jingħad li r-rikors ġuramentat huwa null stante li jindika l-karta tal-identità tal-attur ħażin;*

*2. Illi preliminarjament u bla ħsara għas-suespost qed tiġi eċċepita l-improponibbilità u l-inammissibilità tal-azzjoni attriċi, stante li l-azzjoni kif imfassla u intavolata mir-rikorrent hi disponibbli biss fil-każ ta' minuri li huma indikati bħala wlied "missier mhux magħruf" fuq iċ-ċertifikat tat-twelid;*

*3. Illi għalhekk l-azzjoni attriċi hija intempestiva stante illi fuq l-att tat-twelid il-minuri jidher bħala iben Wilson Mifsud u għalhekk ma japplikax l-artikolu 92(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*4. Illi l-minuri huwa reġistrat bħala iben Wilson Mifsud u dan kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid li qiegħed jigi hawn anness u mmarkat bħala Dok A;*

*5. Illi in kwantu din l-azzjoni hija bbażata fuq l-artikolu 92(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ma tispettax l-attur in kwantu qiegħed jallega li huwa l-missier naturali tal-minuri iżda lill-minuri stess jew terz li r-rappreżentant leġittimu tal-istess minuri;*

*6. Illi l-proċeduri ġudizzjarji illi r-rikorrenti jagħmel riferenza għalihom fil-paragrafu 3 tar-rikors ġuramentat li nġiebu minn Wilson Mifsud għal denegata paternità kontra l-intimata (rikors ġuramentat Nru. 109/2020 AJV) għadhom m'għaddewx in ġudikat u jinstabu fi stadju ta' appell;*

*7. Illi ġaladarba, jeżisti dan il-fatt, l-attur kellu jipproċedi b'kawża kontra l-istess Wilson Mifsud ukoll jew jistenna illi l-proċeduri miġjuba minn Wilson Mifsud jgħaddu in ġudikat u isem Wilson jitħassar miċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri;*

*8. Illi preliminarjament ukoll u bla ħsara għas-suespost, l-azzjoni odjerna hija improponbbli stante li ġiet postulata taħt artikolu tal-Liġi ħażin, liema talba kellha tiġi preżentata ai termini tal-artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u wkoll fil-konfront tar-raġel tal-istess intimata kif meħtieġ mill-istess artikolu surreferit. Per di più u f'dan il-każ, ma jirriżultax li saret talba mill-intimata a tenur tal-art. 77C tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*9. Illi inoltre ai termini tal-artikolu 77C tal-Kap. 16 sabiex l-azzjoni tirnexxi kellha tinġieb fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-minuri, liema terminu issa skada stante li l-minuri twieled nhar it-28 ta' Ġunju 2019;*

*10. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma inammissibbli u insostenibbli stante li kien jeħtieġ li l-ewwel jitlob li jiġu kkanċellati d-dettalji ta' Wilson Mifsud, qabel it-talbiet sabiex l-istess rikorrenti jiġi reġistrat bħala l-missier naturali tal-minuri;*

*11. Illi bla ħsara għal premess, fil-mertu u rigward it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti teċċepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni, ir-rikorrenti primarjament jrid jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri, ir-rikorrenti kellu relazzjoni extra maritali mal-esponenti;*

*12. Illi kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, u mingħajr preġudizzju għal premess, l-esponent tissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponenti u kwindi hija m'għandhiex tiġi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża istanti.*

*13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

5. Il-konvenut l-ieħor, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ressaq risposta maħlufa fil-5 ta' April, 2022 u bħala eċċezzjoni preliminari qal hekk:

*«1. Illi in linea preliminari, qed jiġi rrilevat illi s-sentenza fil-kawża bin-numru ta' referenza 109/2020 AGV li jagħmel referenza għaliha r-rikorrent għadha m'għaddietx f'ġudikat fl-intier tagħha u konsegwentement l-esponent għadu ma ġiex innotifikat b'kopja legali*

*tas-sentenza finali. Isegwi għalhekk illi minkejja s-sentenza preċitata, għadhom ma sarux annotazzjonijet fl-att tat-twelid tal-minuri Dean Mifsud innumerat 2500/2020.»*

6. Waqt is-seduta tas-16 ta' Ġunju, 2022, ġie maqbul li l-konvenuta Marika Bonello tinħatar bħala kuratriċi *ad litem* ta' binha Dean Mifsud (ara paġna 53 tal-atti tal-kawża). Bħala kuratriċi *ad litem* ta' binha, hija ressqet risposta maħlufa fis-6 ta' Lulju, 2023 b'dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi hija qiegħda tippreżenta din ir-risposta ġuramentata in ottemporanza mal-verbal tas-sittax ta' Ġunju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022).*

*2. Illi in linea preliminari, jingħad li r-rikors ġuramentat huwa null stante li jindika l-karta tal-identità tal-attur ħażin;*

*3. Illi preliminarjament u bla ħsara għas-suespost qed tiġi eċċepita l-improponibbilità u l-inammissibilità tal-azzjoni attriċi, stante li l-azzjoni kif imfassla u intavolata mir-rikorrent hi disponibbli biss fil-każ ta' minuri li huma indikati bħala wlied "missier mhux magħruf" fuq iċ-ċertifikat tat-twelid. Jiġi rilevat li l-minuri Dean Mifsud ma huwiex iben missier mhux magħruf, iżda iben Wilson Mifsud, skont ma jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid;*

*4. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost, u kif diġà ngħad, ma huwiex minnu li l-minuri huwa reġistrat bħala missier mhux magħruf u dan kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid diġà preżentat in atti;*

*5. Illi ġaladarba, jeżisti dan il-fatt, l-attur kellu jipproċedi b'kawża kontra l-istess Wilson Mifsud ukoll;*

*6. Illi preliminarjament ukoll u bla ħsara għas-suespost, l-azzjoni odjerna hija nulla stante li ġiet postulata taħt artikolu tal-Liġi ħażin, liema talba kellha tiġi preżentata ai termini tal-artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u wkoll fil-konfront tar-raġel tal-istess konvenuta kif meħtieġ mill-istess artikolu surreferit. Per di più u f'dan il-każ, ma jirriżultax li saret talba mill-intimata a tenur tal-art. 77C tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*7. Illi mingħajr pregudizzju għall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma inammissibbli u insostenibbli stante li kien jeħtieġ li l-ewwel jitlob li jiġu kkanċellati d-dettalji ta' Wilson Mifsud, qabel it-talbiet sabiex l-istess rikorrenti jiġi reġistrat bħala l-missier naturali tal-minuri;*

*8. Illi bla ħsara għal premess, fil-mertu u rigward it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti teċċepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni, ir-rikorrenti primarjament jrid jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri, ir-rikorrenti kellu relazzjoni extra maritali mal-intimata;*

*9. Illi kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, u mingħajr preġudizzju għal premess, l-esponent tissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-intimata u kwindi hija m'għandhiex tiġi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża istanti.*

*10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.»*

7. Fit-13 ta' Ottubru, 2022 (ara paġna 59 tal-atti tal-kawża), wara li saru s-sottomissjonijiet bil-fomm, ġie maqbul li l-Ewwel Qorti kellha tagħti sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari.

8. B'sentenza mogħtija fis-7 ta' Diċembru, 2022, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet li tiċħad l-ewwel għaxar eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuta Marika Bonello f'isimha stess u bħala kuratriċi ta' binha, kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

9. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiċħad dawn l-eċċezzjonijiet kienu dawn:

*«**1. L-Azzjoni Odjerna:***

*Din hija sentenza preliminari dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti. Mill-atti jirriżulta li:*

*a. <u>Il-konvenuta Marika Bonello, f'isimha proprju u in rappreżentanza</u>*

*<u>tal-minuri, issollevat is-segwenti eċċezzjonijiet preliminari</u>:*

*i. In-nullità tar-rikors ġuramentat stante li dan jindika n-numru erronju tal-karta tal-identità tal-attur;*

*ii. Il-proċeduri huma inammissibbli stante l-proċeduri ta' denegata paternità bin-numru 109/2020 AGV għadhom ma għaddewx in ġudikat stante li jinsabu fi stadju ta' appell - għalhekk din l-azzjoni hija improponibbli u inammissibbli stante li fil-mument li ġiet intavolata l-kawża l-minuri kien għadu mhux indikat bħala iben missier mhux magħruf iżda kien għadu mniżżel bħala iben Wilson Mifsud, u għalhekk l-attur kellu jipproċedi b'kawża kontra l-istess Wilson Mifsud jew se mai jistenna li l-proċeduri bin-numru 109/2020 AGV jgħaddu in ġudikat u per konsegwenza l-konnotati ta' Wilson Mifsud jiġu kkanċellati, jew inkella jitlob li jiġu kkanċellati d-dettalji ta' Wilson Mifsud qabel ma jitlob li huwa jiġi reġistrat bħala l-missier naturali;*

*iii. L-azzjoni odjerna hija improponibbli stante li ġiet impernjata fuq l-artikoli ħżiena u ċjoè Artikolu 86 u Artikolu 92 subinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li din l-azzjoni kellha tiġi bbażata fuq Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili u fil-konfront tar-raġel tal-istess Marika Bonello, u barra minn hekk l-azzjoni kellha tiġi intavolata fi żmien sitt (6) xhur abbażi ta' Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili;*

*b. <u>Il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, issolleva s-segwenti eċċezzjoni preliminari:</u>*

*i. Il-proċeduri ta' denegata paternità bin-numru 109/2020 AGV għadhom ma għaddewx in ġudikat stante li jinsabu fi stadju ta' appell u b'hekk għadhom ma sarux l-annotazzjonijiet meħtieġa;*

***2. Konsiderazzjonijiet tal-Qorti:***

*Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-atti, hija tara li l-kronoloġija tal-fatti hija s-segwenti:*

*a. Nhar l-14 ta' Ġunju, 2014, il-konvenuta Marika Bonello żżewġet lil Wilson Mifsud;*

*b. Nhar it-2 ta' Mejju, 2019, Marika Bonello u Wilson Mifsud isseparaw permezz ta' ftehim bonarju;*

*c. Nhar it-28 ta' Ġunju, 2019, Marika Bonello welldet lil minuri Dean Mifsud, ossija Dean Bonello;*

*d. Wilson Bonello intavola kawża ta' denegata paternità sabiex ma jibqax imniżżel bħala missier il-minuri fuq l-Att tat-Twelid tal-imsemmi Dean Mifsud, ossija Dean Bonello;*

*e. Għal tali rikors ġuramentat, Marika Bonello qablet mal-fatti kif dikjarati minn Wilson Mifsud, kif ukoll mat-talbiet kif dedotti, salv għal kap tal-ispejjeż;*

*f. Nhar it-2 ta' Ġunju, 2021, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ppronunzjat ruħha dwar it-talba ta' Wilson Mifsud fejn laqgħet it-talbiet kif dedotti filwaqt li l-ispejjeż ġew assenjati lil Marika Bonello;*

*g. Nhar it-22 ta' Ġunju, 2021, Marika Bonello intavolat rikors ta' appell fejn talbet lil Qorti tal-Appell sabiex "tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tat-2 ta' Ġunju, 2021 fl-ismijiet fuq premessi fejn ordnat li l-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-appellanti Marika Bonello";*

*h. Nhar it-2 ta' Lulju, 2021, Ryan Dimech intavola ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili fejn interpella lil Marika Bonello sabiex il-minuri jiġi rreġistrat taħt ismu stante li huwa l-missier naturali tal-minuri;*

*i. Nhar it-18 ta' Lulju, 2022, il-Qorti tal-Appell ippronunzjat ruħha dwar l-appell ta' Marika Bonello, fejn laqgħat it-talba tagħha rigward il-kap tal-ispejjeż;*

*j. Nhar id-29 ta' Lulju, 2022, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ħejja l-annotazzjonjiet fl-Att tat-Twelid tal-minuri, b'dana illi l-minuri ġie mniżżel taħt missier mhux magħruf filwaqt li ġie mogħti l-kunjom Bonello, ossija kunjom xbubit ommu;*

*k. Nhar l-4 ta' Jannar, 2022, Ryan Dimech intavola l-proċeduri istanti sabiex jagħraf lil minuri Dean Bonello bħala ibnu.*

*Stabbilit il-premess, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tanalizza l-eċċezzjonijiet kif sollevati, li in sinteżi kif allaċjati flimkien huma tlieta (3):*

*a. <u>Fir-rigward tal-eċċezzjoni: In-nullità tar-rikors ġuramentat stante li dan jindika in-numru erronju tal-karta tal-identità tal-attur:</u>*

*Il-Qorti rat Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula:*

*...*

*Jibda sabiex jingħad illi l-konvenuta ma ddikjaratx taħt liema bażi qiegħda tibbaża l-pretensjoni tan-nullità tagħha, u wisq anqas ma ppruvat dak allegat minnha u ċjoè liema hu dak in-numru tal-karta ta' identità korretta. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara illi anke jekk in-numru tal-karta tal-identità tal-attur ġie mniżżel b'mod erronju fir-rikors ġuramentat, dan huwa żball li jista' faċilment jiġi kkorreġjut ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li fil-fehma tal-Qorti tali "sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża". Barra*

*minn hekk, jingħad illi mhux l-ewwel darba li l-Qorti ġiet rinfaċċjata b'sitwazzjoni bħal din, fejn tali żball ġie emendat bis-saħħa tal-Artikolu in kwistjoni [Vide s-sentenza fl-ismijiet Hubert J. Spiteri v. Oswald J. Spiteri, mogħtija nhar il-15 ta' Lulju, 2014 (Rik. Ġur. Nru. 240/2014 LSO)]. Dan mhux l-ewwel darba li seħħ fil-każijet li jkollha quddiemha l-Qorti. Wara kollox, il-Qorti tfakkar li l-eċċezzjoni tan-nullità trid tiġi applikata b'mod kawt, u jekk hemm lok li proċeduri jiġu salvati, dan għandu jsir. Għaldaqstant tali eċċezzjoni qiegħda tiġi respinta.*

*b. <u>Fir-rigward tal-eċċezzjoni: Il-proċeduri huma inammissibbli stante l-proċeduri ta' denegata paternità bin-numru 109/2020 AGV għadhom ma għaddewx in ġudikat stante li jinsabu fi stadju ta' appell - għalhekk din l-azzjoni hija improponibbli u inammissibbli stante li fil-mument li ġiet intavolata l-kawża l-minuri kien għadu mhux indikat bħala iben missier mhux magħruf iżda kien għadu mniżżel bħala iben Wilson Mifsud, u għalhekk l-attur kellu jipproċedi b'kawża kontra l-istess Wilson Mifsud jew se mai jistenna li l-proċeduri bin-numru 109/2020 AGV jgħaddu in ġudikat u per konsegwenza l-konnotati ta' Wilson Mifsud jiġu kkanċellati, jew inkella jitlob li jiġu kkanċellati d-dettalji ta' Wilson Mifsud qabel ma jitlob li huwa jiġi reġistrat bħala l-missier naturali;</u>*

*Din l-eċċezzjoni ddur mal-fatt illi meta ġew inizjati l-proċeduri stanti, kemm bl-ittra uffiċjali kif ukoll sussegwentwment bir-rikors ġuramentat, il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell kienu għadhom pendenti u konsegwentement kienu għadhom ma sarux l-annotazzjonijiet meħtieġa fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri li jistabbilixxu l-identità vera tal-istess minuri, ossija li huwa fil-fatt iben missier mhux magħruf u li kunjomu huwa 'Bonello', ossija kunjom xbubit ommu.*

*Il-Qorti rat is-sottomissjonijiet taż-żewġ partiiet fuq din il-kwistjoni, u tqis illi kienet il-konvenuta stess illi fir-risposta ġuramentata tagħha għar-rikors promotur ta' Wilson Mifsud fil-kawża bin-numru 109/2020 AGV qablet mad-dikjarazzjoni tal-fatti u t-talbiet kif dedotti minn Wilson Mifsud. Barra minn hekk jirriżulta ampjament ċar ukoll illi il-konvenuta appellat mill-kap tal-ispejjeż biss u dan proprju għaliex hija qatt ma kellha l-intenzjoni li tappella dwar il-kwistjoni tal-paternità tal-minuri għaliex in primis hija dejjem ammettiet illi l-minuri ma huwiex iben Wilson Mifsud.*

*Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tara l-qafas legali u abbażi ta' Artikolu 226 subinċiż 2 u Artikolu 228 subinċiż 1 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tara li l-konvenuta: (i) ġaladarba qablet mat-talbiet u ammettiethom, hija kienet prekluża milli tappella mill-istess, u fi kwalunkwe każ (ii) il-konvenuta kellha l-fakoltà illi tappella biss minn ċertu kapi tas-sentenza, b'dana illi l-kapijiet l-oħra ma jkunux mittiefsa. Fil-fehma tal-konvenuta, il-fatt li hija appellat biss mill-kap tal-ispejjeż, is-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier tagħha kienet xorta*

*waħda ma għaddietx in ġudikat. Madankollu l-Qorti tara li l-konvenuta ma kkorraboratx dak allegat minnha permezz ta' bażi legali. Għalhekk il-Qorti tara illi ġaladarba l-liġi stess tagħti x'tifhem illi meta jkun hemm qbil u ammissjoni ta' talbiet ma għandux isir appell, u kif ukoll li se mai appell jista' jsir biss fuq ċertu kapijiet u dan mingħajr preġudizzju għall-kapijiet l-oħra, dan juri biċ-ċar illi dawk il-kapijiet li minnhom ma jkunx sar appell jgħaddu ipso jure in ġudikat. Huwa frivolu fil-fehma ta' din il-Qorti illi wieħed jipprova b'xi mod jimmina l-proċedura legali, l-intendiment tal-leġislatur u kif ukoll is-saħħa ta' dak li tiddeċiedi l-Qorti. Magħdud ma' dan, il-fatt li l-annotazzjonijiet fl-Att tat-Twelid ikunu għadhom ma sarux ma jfissirx li dawk il-kapijiet ikunu għadhom ma għaddewx in ġudikat, altrimenti wieħed ikun qiegħed b'mod l-iktar żlejali jinsinwa li l-annotazzjoni għandha iktar piż mid-deċiżjoni tal-Qorti, u dan ċertament m'huwiex il-każ.*

*Il-Qorti tara wkoll li din hija kwistjoni li l-Qrati tagħna b'mod indirett ukoll ippronunzjaw ruħhom dwarha u fil-fatt għal kull buon fini ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Carmelo sive Charles Dingli, Mario u Joseph Dingli lkoll personalment kif ukoll bħala uniċi proprjetarji tad-ditta Reno Dingli v. Kontrollur tad-Dwana, l-Onorevoli Ministru tal-Agrikoltura u Sajd, id-Direttur tal-Agrikoltura u d-Direttur tal-Kummerċ [Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-27 ta' Marzu, 2009, (Appell Numru 66/1992/1)] fejn il-Qorti tal-Appell fil-konsiderazzjonijiet tagħha saħqet:*

> *«Jibda biex jingħad illi mill-mod kif inhuma impostati l-appelli tal-partijiet kontendenti jidher ċar li d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti li tillibera lid-Direttur tal-Kummerċ mill-osservanza tal-ġudizzju mhijiex qed tiġi kkontestata la mill-atturi u s'intendi lanqas mill-konvenuti. Il-konvenuti kjarament jitolbu l-konferma ta' dan il-kap partikolari tas-sentenza tal-25 ta' Jannar, 2005 u l-atturi ex admissis jillimitaw l-appell tagħhom għad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-likwidazzjoni tad-danni favur tagħhom. Għaldaqstant, il-kap tal-imsemmija sentenza li permezz tiegħu d-Direttur tal-Kummerċ ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju għadda in ġudikat, u llum jifforma stat bejn il-partijiet kontendenti» (enfasi ta' din il-Qorti).*

*Barra minn hekk, il-Qorti ma tistax ma tissottolinejax illi fil-preżent jidher ċar li l-istadju tal-appell ġie konkluż hekk kif is-sentenza ġiet mogħtja nhar it-18 ta' Lulju, 2022 u l-annotazzjoni fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri saru fid-29 ta' Lulju 2022. Għalhekk, anke f'ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju, il-Qorti ma tarax illi hemm lok li din l-eċċezzjoni tiġi milqugħa. Il-Qorti tara wkoll li l-argument tal-konvenuta illi se mai l-attur kellu: (i) jipproċedi b'kawża kontra l-istess Wilson Mifsud, jew, (ii) jistenna li l-proċeduri bin-numru 109/2020 AGV jgħaddu in ġudikat u per konsegwenza l-konnotati ta' Wilson Mifsud jiġu kkanċellati, jew, (iii) jitlob li jiġu kkanċellati d-dettalji ta' Wilson Mifsud qabel ma jitlob li huwa jiġi reġistrat bħala l-missier naturali, huma frivoli u bla bażi, u kieku l-attur verament mexa proprju kif qed tissuġġerixxi l-konvenuta kien ikun hu li qiegħed jimxi kontra*

*l-proċedura legali hekk kif kien ikun qed imur kontra l-prinċipju ta' res judicata u l-binarji kollha li jsawruha. Għaldaqstant dawn l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu miċħuda.*

*c. <u>Fir-rigward tal-eċċezzjoni: L-azzjoni odjerna hija improponibbli stante li ġiet ippernjata fuq l-artikoli ħżiena u ċjoè Artikolu 86 u Artikolu 92 subinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li din l-azzjoni kellha tiġi bbażata fuq Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili u fil-konfront tar-raġel tal-istess Marika Bonello, u barra minn hekk l-azzjoni kellha tiġi intavolata fi żmien sitt (6) xhur abbażi ta' Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili:</u>*

*Il-Qorti lanqas ma' taqbel ma din l-eċċezzjoni għaliex ma hemm l-ebda dubju li appena l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-minuri ma kienx wild Wilson Mifsud u Marika Mifsud, l-attur bilfors ried jimxi fuq l-Artikoli elenkati minnu. Il-Qorti kienet taqbel mal-konvenuta li l-attur kellu japplika l-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili f'każ li Wilson Mifsud ma ppreżentax kawża ta' denegata paternità. Għalhekk lanqas tali eċċezzjoni m'għandha tintlaqa'.»*

10. B'digriet mogħti fis-7 ta' Frar, 2023 (ara paġna 102 tal-atti tal-kawża), il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat permess taħt l-Artikolu **231 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex Marika Bonello f'isimha stess u bħala kuratriċi ta' binha tkun tista' tappella minn din is-sentenza parzjali.

11. L-appell tal-konvenuta Marika Bonello f'isimha stess u bħala kuratriċi ta' binha ġie mressaq fit-13 ta' Frar, 2023 u fih hija qajmet żewġ aggravji, *viz*: (i) li l-azzjoni tal-attur ma setgħetx tissokta kif tmexxiet għaliex fil-mument li din ġiet ippreżentata, il-minuri ma kienx reġistrat bħala wild ta' missier mhux magħruf imma kien reġistrat bħala wild Wilson Mifsud; u (ii) li l-attur ma setax jippreżenta l-ittra uffiċjali skont l-**Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili** biex iniedi l-proċedura tal-għarfien tal-paternità ta' Dean Mifsud għaliex sa dak iż-żmien Dean Mifsud kien għadu jidher bħala wild Wilson Mifsud.

12. L-attur Ryan Dimech wieġeb għal dan l-appell fl-20 ta' Marzu, 2023 u fisser li kemm l-ittra uffiċjali u kif ukoll il-kawża dwar l-għarfien tal-paternità saru kif suppost għaliex dakinhar li ġew magħmula, ma kienx hemm appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell dwar il-fatt li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddikjarat li Wilson Mifsud mhuwiex missier Dean Mifsud, imma kien hemm appell pendenti biss fuq il-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża. Minħabba f'hekk, Ryan Dimech jgħid li s-sentenza tal-Ewwel Qorti għandha tiġi mtennija u l-appell għandu mhux biss jiġi miċħud, iżda, għandu jkun suġġett għall-kundanna ta' spejjeż għal darbtejn minħabba li huwa fieragħ u vessatorju.

13. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Il-kwistjonijiet imqanqla mill-appellanti fiż-żewġ aggravji tagħha jduru mas-siwi tal-ittra uffiċjali u tal-kawża ta' għarfien ta' paternità magħmula mill-attur appellat taħt l-**Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili**. Billi dawn iż-żewġ aggravji jirkbu fuq xulxin, dawn sejrin jiġu meqjusa flimkien.

15. Fil-qosor ħafna, l-appellanti qiegħda targumenta li l-attur appellat la seta' jibgħat ittra uffiċjali u lanqas jipproċedi b'kawża skont l-**Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili** għaliex fil-mument li ġew ippreżentati l-ittra uffiċjali u din il-kawża, il-minuri kien għadu jidher fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu bħala iben Wilson Mifsud, li kien miżżewweġ lill-istess appellanti Marika Bonello. L-appellanti għalhekk tisħaq li ladarba l-minuri kien għadu meqjus bħala mnissel u mwieled matul iż-żwieġ, allura l-attur appellat ma setax jinqeda bl-**Artikolu 86** li japplika f'każijiet ta' wlied li huma imnissla u mwielda barra miż-żwieġ iżda minflok kellu jissokta taħt l-**Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili** li jagħti azzjoni legali lill-ġenitur naturali ta' wild imwieled fiż-żwieġ biex huwa jiġi dikjarat bħala l-ġenitur naturali flok dak reġistrat fl-att tat-twelid.

16. Fuq ix-xaqliba l-oħra, l-attur appellat qiegħed isostni li hu seta' jimxi 'l quddiem bl-**Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili** għaliex ġa kienet laħqet ingħatat sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawża 109/2020AGV, li kienet tgħid li Wilson Mifsud (i.e. ir-raġel ta' Marika Bonello), mhuwiex il-ġenitur naturali ta' Dean Mifsud u għalhekk ismu kellu jitneħħa miċ-ċertifikat tat-twelid. Għad li l-appellat jagħraf li din is-sentenza kienet ġiet appellata minn Marika Bonello fejn għandu x'jaqsam biss mal-kap tal-ispejjeż, madankollu huwa jargumenta li fin-nuqqas ta' aggravju speċifiku, din is-sentenza kienet toħloq ġudikat fejn għandha x'taqsam ma' dik il-parti fejn ġie ddikjarat li Wilson Mifsud mhuwiex il-

missier ta' Dean Mifsud. Għalhekk huwa jsostni li ma kellux għalfejn joqgħod jistenna lill-Qorti tal-Appell tiddeċiedi l-aggravju dwar l-ispejjeż tal-kawża, qabel ma jimxi bil-proċeduri għall-għarfien ta' Dean Mifsud. B'żieda ma' dan, l-appellat jgħid ukoll li f'kull każ illum, l-appell dwar il-kap tal-ispejjeż fil-kawża 109/2020AGV ġie deċiż u Wilson Mifsud m'għadux aktar jidher bħala ġenitur fl-att tat-twelid ta' Dean Mifsud.

17. Din il-Qorti titlaq billi tosserva li l-**Kodiċi Ċivili** fih dispożizzjonijiet legali speċifiċi li jitkellmu dwar il-filjazzjoni ta' wlied imnissla u mwielda matul iż-żwieġ (ara **Artikoli 67** sa **85 tal-Kodiċi Ċivili**) u dispożizzjonijiet legali speċifiċi oħra li jitkellmu dwar il-filjazzjoni ta' wlied imnissla u mwielda barra miż-żwieġ u fuq il-preżunzjoni li l-persuna kienet imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ (ara **Artikoli 86** sa **100B tal-Kodiċi Ċivili**).

18. Ħafna minn dawn id-dispożizzjonijiet dwar il-filjazzjoni kienu ġew emendati jew imdaħħla għall-ewwel darba bl-**Att XXIII tal-2010**, sabiex jipprovdu mekkaniżmu legali u ġudizzjarju aktar sħiħ, aktar ħafif u aktar mgħaġġel biex jiġu indirizzati tilwimiet li jmissu ma' filjazzjoni. Hekk pereżempju, qabel il-miġja ta' dawn l-emendi, kien hemm ġurisprudenza li minħabba l-mod ta' kif kienet miktuba l-liġi f'dak iż-żmien, kienet tgħid li ġenitur naturali, biex ikun jista' jagħraf wild imwieled fiż-żwieġ, ried l-ewwel jattakka l-filjazzjoni tat-tifel skont l-**Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili** u mbagħad, wara li l-wild jiġi ddikjarat bħala wieħed ta' missier mhux

magħruf, l-istess missier naturali kien ikollu jibda t-tieni sett ta' proċeduri taħt l-**Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili** biex huwa jiġi ddikjarat bħala l-missier naturali tal-wild (ara fost oħrajn is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell, ***Marco Vella v. Pauline Cassar et nomine*** tal-25 ta' Mejju, 2007 u ***Dennis Thompson v. Therese Spiteri et*** tal-31 ta' Ottubru, 2007). Bl-introduzzjoni tal-**Artikolu 77A** fil-**Kodiċi Ċivili**, il-missier naturali seta' bit-tħaddim konġunt tal-**Artikloli 77** u **77A**, f'kawża waħda jikkontesta l-filjazzjoni ta' wild imwieled fiż-żwieġ u fl-istess ħin jitlob ukoll li tiġi ppronunzjata l-paternità tiegħu.

19. Huwa ċar għalhekk li l-ħsieb tal-leġislatur permezz tal-**Att XXIII tal-2010** kien li kemm jista' jkun jiġu evitati proċeduri żejda u spejjeż bla bżonn. Wieħed irid jifhem u japprezza li kawżi li jmissu ma' filjazzjoni huma delikati ħafna u x'aktarx joħolqu ħafna weġgħat, dwejjaq, diżappunti u taqtigħ bejn il-partijiet involuti. Għalhekk għandu jiġi evitat li kawżi ta' din ix-xejra jiġu mtajra 'l barra fuq is-saħħa ta' artifiċjaliżmi jew sofiżmi legali li ma joqtlux il-jedd ta' azzjoni iżda li jġiegħlu biss lill-parti toqgħod terġa' tiftaħ il-kawża mill-ġdid.

20. Joqgħod ħafna hawnhekk, dak imtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, *per* Imħallef Maurice Caruana Curran, fis-sentenza ***Lawrence Farrugia sive Gatt v. Dottor Vladimir Formosa nomine*** deċiża fid-29 ta' Jannar, 1970, li:

> *«Il-liġi, konsistentement mal-ġustizzja u mas-serjetà u d-dinjità tagħha, għandha sservi ta' strument soċjali kostruttiv, li biha n-nies għandhom dritt jinqdew b'mod prattiku li jirrendi l-frott u ħajja mhux dewmien evitabbli u ariditā li jiddispraw lil dak li jkun u jikkreaw ostilità u xettiċiżmu fost il-poplu kontra l-liġi».*

21. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti bla tlaqliq ta' xejn, tqis li mhijiex raġonevoli u lanqas proporzjonata t-teżi tal-appellanta, li l-proċedura ġudizzjarja mibdija mill-appellat skont l-**Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili** għandha tfalli għaliex meta din inbdiet bl-ittra uffiċjali, l-att tat-twelid ta' Dean Mifsud kien għadu juri lil Wilson Mifsud bħala l-missier, peress li kien għad hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, aggravju dwar il-kap tal-ispejjeż.

22. Minn dak li qed tara din il-Qorti, jirriżulta mill-aktar ċar li l-appellanti mhijiex qiegħda tgħid fl-aggravji tagħha li l-appellat Dimech m'għandux jedd ta' azzjoni fil-liġi biex jitlob li huwa jiġi dikjarat bħala l-ġenitur naturali ta' Dean Mifsud. Li qiegħda tgħid l-appellanta huwa biss li ntużat il-proċedura skorretta.

23. Din il-Qorti iżda ma taqbilx mal-appellanta li l-attur appellat kellu għalfejn joqgħod jistenna li tingħata s-sentenza mill-Qorti tal-Appell fil-kawża 109/2020AGV qabel jipproċedi skont l-**Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili** biex huwa jiġi magħruf u reġistrat bħala missier Dean Mifsud. L-appell li kien hemm pendenti fil-kawża 109/2020AGV kien jolqot biss il-kap tal-ispejjeż tal-kawża. Jiġi b'hekk, li la ma kienx hemm appell minn

dik il-parti tas-sentenza fejn ġie ddikjarat li Wilson Mifsud għandu jitneħħa minn fuq l-att tat-twelid ta' Dean Mifsud, allura dak il-kapitlu tal-kawża kien magħluq b'ġudikat.

24. Tassew ma kienx hemm raġuni tajba għaliex l-appellat kellu għalfejn joqgħod jistenna li jiġi maqtugħ l-appell dwar l-ispejjeż tal-kawża, ladarba l-Qorti tal-Appell ma setgħetx tbiddel dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li kienet tikkonċerna t-tneħħija tal-paternità ta' Wilson Mifsud. L-appellat Ryan Dimech seta' allura jipproċedi skont l-**Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili** biex tiġi magħrufa u reġistrata l-paternità tiegħu, ladarba meta din il-proċedura ġiet imnedija, kien hemm sentenza finali tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li kienet tgħid li Dean Mifsud twieled barra miż-żwieġ.

25. Hekk ukoll, lanqas ma huwa sew, li l-appellanta tippretendi li l-appellat Ryan Dimech kellu jiftaħ kawża kontriha u kontra Wilson Mifsud skont l-**Artikoli 77** u **77A tal-Kodiċi Ċivili** biex jiġi ddikjarat li Wilson Mifsud mhuwiex il-missier bijoloġiku ta' Dean Mifsud, meta l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ġa kienet tat sentenza li għaddiet b'ġudikat bejn l-appellanta, Wilson Mifsud u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fejn kienet intlaqgħet it-talba ta' Wilson Mifsud ta' *denegata paternità*. Ma kienet teżisti l-ebda ħtieġa legali għalfejn Wilson Mifsud kellu joqgħod jiddaħħal fi proċeduri ripetuti dwar il-paternità tiegħu.

26. Il-fatt ukoll li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kien għadu ma neħħiex id-dettalji ta' Wilson Mifsud minn fuq l-att tat-twelid ta' Dean Mifsud ma jbiddilx din il-fehma tal-Qorti għaliex xorta jibqa' l-fatt li kien hemm sentenza finali li Wilson Mifsud għandu jitneħħa minn fuq l-att tat-twelid ta' Dean Mifsud.

27. La l-parti tas-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) dwar it-tneħħija ta' Wilson Mifsud minn fuq l-att tat-twelid kienet għaddiet b'ġudikat, allura d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku messu għamel l-annotazzjoni meħtieġa fi żmien għaxart ijiem imsemmi skont l-**Artikolu 256 tal-Kodiċi Ċivili**. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku la kellu għalfejn joqgħod jistennna li jinqata' l-appell dwar min għandu jġorr l-ispejjeż tal-kawża, ladarba dak l-appell ma kienx ħa jbiddel il-ġudikat dwar il-bdil li kellu jsir fl-att tat-twelid ta' Dean Mifsud; u lanqas ma kellu għalfejn joqgħod jistenna li tiġi mgħoddija lilu kopja vera tas-sentenza, ladarba d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kien parti f'dik is-sentenza.

28. Żgur però, l-appellat Ryan Dimech m'għandux għalfejn jiġi ppenalizzat fl-azzjoni tiegħu għar-raġuni biss li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku dam biex wettaq it-tibdil meħtieġ fl-att tat-twelid ta' Dean Mifsud, skont kif ġie ordnat bis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

29. Terġa' u tgħid, illum id-dettalji ta' Wilson Mifsud tneħħew minn fuq l-att tat-twelid ta' Dean Mifsud u għalhekk fil-preżent ma hemm xejn xi jżomm milli titkompla l-kawża mibdija mill-appellat.

30. Iddur fejn iddur huwa ċar li l-appell imressaq mill-appellanta ma huwa fejjiedi xejn. Anzi din il-Qorti tħoss li l-appellanta ressqet dan l-appell fil-vojt u bla bżonn għaliex huwa evidenti li hija ma kellhiex raġun fl-aggravji tagħha. Minħabba f'hekk, din il-Qorti qiegħda taqbel mal-appellat Ryan Dimech li huwa xieraq li l-appellanta tħallas l-ispejjeż tal-appell għal darbtejn skont l-**Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** peress li l-appell tagħha kien tabilħaqq wieħed fieragħ u vessatorju.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell ta' Marika Bonello f'isimha stess u f'isem binha Dean Mifsud, bħala kuratriċi *ad litem* tiegħu, b'dana li hija għandha tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għal darbtejn minħabba li nstab li dawn il-proċeduri huma fiergħa u vessatorji.

Il-Qorti tordna li l-atti tal-kawża jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti biex ikompli s-smigħ tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm